

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **biex il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Lisbona jgħin liż-żgħażagħ ikunu xhieda tal-Vanġelu fil-ħajja tagħhom.**

**Qari**: *Laqgħa ta' Papa Franġisku maż-żgħażagħ fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mill-mewt tal-Beatu Pino Puglisi f'Settembru 2018.*

Il-Mulej ma nisimgħuhx billi noqogħdu bilqiegħda fuq pultruna, tafux? …Niżgurakom li tisimgħu kollox barra 'l-Mulej. B'ħajja komda, bilqiegħda fuq pultruna, ma tistax tisma' lill-Mulej. Ser ngħid xi ħaġa li hi importanti ħafna għall-ħajja tagħkom iż-żgħażagħ u nitlobkom tisimgħuha: jekk tibqgħu bilqiegħda ma tagħmlu xejn, ma jkollkomx kuntatt mal-Kelma dinamika t'Alla. Il-Kelma t'Alla mhijiex statika, u jekk int tkun statiku, ma tkunx tista' tismagħha. Aħna niskopru lil Alla waqt il-mixja tagħna. Jekk m'intix f'mixja biex tagħmel xi ħaġa, biex taħdem għall-oħrajn, biex tagħti xhieda, biex tagħmel il-ġid, lill-Mulej ma tisimgħu qatt. Biex tisma' lill-Mulej jeħtieġ li tkun miexi, mhux toqgħod tistenna li tiġri xi ħaġa maġika f'ħajtek. Dan jidher fl-istorja ta' mħabba tal-Bibbja, li ssaħħrek. F'din l-istorja naraw li l-Mulej il-ħin kollu jsejjaħ nies żgħażagħ. Dejjem hekk għamel.
Alla jobgħod l-għażż u jħobb l-azzjoni. Żommuha f'qalbkom u f'moħħkom din: Alla jobgħod l-għażż u jħobb l-azzjoni.

*Alla, Alla tiegħi int; lilek ħerqan infittex.*
*Ruħi bil-għatx għalik, għalik imxennaq jiena,*
*bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma.* (Salm 63:2)
Mulej, min jaf kemm hawn żgħażagħ li jlissnu dan il-kliem,
żgħażagħ li qed ifittxuk u jixtiquk fil-ħajja tagħhom,
żgħażagħ li jridu jisimgħu leħnek
u jfittxuk fil-fond ta' qalbhom biex isibu
kif tista' timmatura fihom it-tweġiba tagħhom!


email: talbmalpapa@gmail.com

Il-Papa Franġisku qalilhom li "B'ħajja komda,
bilqiegħda fuq pultruna, ma tistax tisma' lill-Mulej."
Nitolbuk, Mulej, sabiex liż-żgħżagħ tagħtihom
id-dehen u l-għajnuna sabiex jagħrfu
li ma jistgħux jingħalqu fihom infushom jew f'dinja virtwali.
Għinhom jifhmu li biex jiskopruk iridu jkunu f'mixja,
f'mixja li matulha jridu jkunu qed jagħmlu xi ħaġa,
iridu jkunu qed jaħdmu għall-oħrajn,
ikunu qed jagħtu xhieda u jagħmlu l-ġid.
Mulej, inti taf kemm hi faċli għal dawn iż-żgħażagħ
li jitilfu t-triq, li jitilfu t-tama, li jaqgħu skjavi tad-droga
jew jgħaddu ħajjithom jiġru wara pjaċiri fiergħa.
Għalhekk, Mulej, għinhom sabiex f'mumenti ta' kriżi
huma jduru lejk u jsibu s-serħan fik.
Għinhom, Mulej, ħalli jkunu kapaċi jisimgħu l-leħen tiegħek
u biex il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Lisbona
jgħinhom biex ikunu xhieda tal-Vanġelu fil-ħajja tagħhom.

**KANT**

**Qari**: *Laqgħa ta' Papa Franġisku maż-żgħażagħ fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mill-mewt tal-Beatu Pino Puglisi f'Settembru 2018.*

Lanqas m'għandkom tfittxu li tisimgħu leħen il-Mulej meta tkunu magħluqa fikom infuskom f'kamritkom u taħsbu fuq dak li għadda jew fuq dak li għad irid jiġi u ma tafuhx. Le, Alla jitkellem issa fir-relazzjoni; fil-mixja u fir-relazzjoni mal-oħrajn. Tingħalqux fikom infuskom, afdaw fiH, afdaw kollox f'idejH, fittxuH fit-talb, fittxuH fid-djalogu mal-oħrajn, dejjem fittxuH waqt li tkunu qed tagħmlu l-mixja tagħkom. Kunu afu li Ġesù jemmen fikom ħafna aktar milli intom temmnu fikom infuskom. Dan hu importanti ħafna: Ġesù jemmen fikom ħafna aktar milli intom temmnu fikom infuskom; Ġesù jħobbkom ħafna aktar milli intom tħobbu lilkom infuskom. FittxuH billi toħorġu minnkom infuskom, billi tagħmlu l-mixja tagħkom: Hu qiegħed jistenniekom. Ingħaqdu fi gruppi, agħmlu ħbieb, imxu flimkien, agħmlu l-laqgħat, siru Knisja filwaqt li tagħmlu l-mixja

tagħkom. L-Evanġelju huwa skola ta' ħajja; l-Evanġelju jwassalna biex nimxu. Naħseb li dan hu l-mod kif inħejju ruħna biex nisimgħu lill-Mulej.

Mulej, kemm hi faċli li taħseb fik innifsek
u tfittex biss il-kuntentizza tiegħek.
Iżda int matul ħajtek urejtna li
għandna nkunu għas-servizz tal-oħrajn.
Mulej, ħafna huma dawk iż-żgħażagħ li jisimgħu leħnek,
li jimxu warajk u li jgħinu lil sħabhom
u jagħmlu xogħol volontarju.
Pero' daqshekk ieħor hawn żgħażagħ li huma mitlufa,
li ma jafux x'se jaqbdu jagħmlu b'ħajjithom,
li jaqbdu t-triq il-ħażina u jagħlqu widnejhom għas-sejħa tiegħek.
Mulej, nitolbuk sabiex timla liż-żgħażagħ bil-kuraġġ
ħalli, kif qalilhom il-Papa Franġisku, fil-mixja tagħhom
huma jingħataw għas-servizz tal-oħrajn.
Mulej, nitolbuk sabiex f'din il-laqgħa
li ż-żgħażagħ qed jagħmlu mal-Papa f'Lisbona
huma jagħrfu kif ħajjithom għandha tkun xhieda tal-Vanġelu.
Għinhom ħalli jagħrfuk f'min hu fil-bżonn
u biex ma jħallu lil ħadd jisirqilhom il-paċi f'qalbhom.
Imliehom bil-kuraġġ ħalli jitfgħu t-tama tagħhom kollha fik.
Mulej, nixtieq li lkoll ningħaqdu flimkien
f'din it-talba għaż-żgħażagħ li talab il-Papa Franġisku,
fil-laqgħa li kellu magħhom xi snin ilu.
"*Mulej, Mulej Alla, ħares lejn dawn iż-żgħażagħ.*
*Inti taf lil kull wieħed u waħda minnhom,*
*taf x'jaħsbu, taf li jixtiequ jimxu 'l quddiem*
*u li jixtiequ jagħmlu dinja aħjar.*
*Mulej, agħmel li jfittxu l-ġid u l-hena,*
*agħmel li jimpenjaw ruħhom*
*filwaqt li jwettqu l-mixja tagħhom u jiltaqgħu ma' oħrajn;*
*agħmel li jkunu qalbiena fil-qadi tagħhom,*
*li jkunu umli waqt li jfittxu l-għeruq tagħhom*

*u jużawhom biex jagħmlu l-frott,*
*biex ikollhom identità u appartenenza.*
*Jalla l-Mulej jakkumpanja lil dawn iż-żgħażagħ kollha*
*fil-mixja tagħhom u jberikhom ilkoll. Ammen.*

KANT

**Nitolbu flimkien**

Nitolbuk Mulej sabiex tilqa' lil dawk kollha li ser jieħdu sehem fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Lisbona u qajjem fihom esperjenza ġdida tal-preżenza tiegħek fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

San Ġwanni Pawlu II kien qal:- Ftakar li qatt ma int waħdek. Ġesù dejjem miegħek fil-vjaġġ ta' ħajtek. Imxi miegħu, hu li hu t-triq, il-verità u l-ħajja. Nitolbuk Mulej sabiex tgħin liż-żgħażagħ iduru lejk matul il-vjaġġ ta' ħajjithom, sew meta jkunu għaddejjin minn xi inċertezza jew xi diffikultà, u anke meta l-ħajja tkun qed titbissmilhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej nitolbuk sabiex iż-żgħażagħ jifhmu li matul ħajjithom għandhom ipoġġu t-tama kollha fik, biex b'hekk huma jintelqu f'idejk u jagħrfu li inti missierhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Ibgħat l-Ispirtu tiegħek Mulej ħalli jgħin liż-żgħażagħ biex ma jħallu lil ħadd ifixkilhom milli jdawru l-ħarsa tagħhom lejk u jimxu warajk.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej

Nitolbuk Mulej biex timla liż-żgħażagħ bil-kuraġġ li jgħixu tassew il-ħajja nisranija billi jpoġġu l-kapaċitajiet tagħhom, it-talenti u dak kollu li jafu għad-dispożizzjoni tal-oħrajn. Fuq kollox, Mulej, għinhom ħalli matul il-ġurnata jfittxu li jgħixu l-imħabba konkreta u b'hekk ikunu għad-dispożizzjoni ta' min hu fil-bżonn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.